TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Interpretazzjoni ta' Decizjoni Nru. 40/79

Wara d-decizjoni Nru. 40/79
fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Alfred Pullicino
u
Messrs Jodic Ltd.

Chairman : G.A. Craig

Data : 30 ta' Mejju, 1979

It-Tribunal,

Fuq talba li saritlu minn Alfred Pullicino taht l-Artiklu 35 (1) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976 ghal interpretazzjoni tad-Decizjoni Nru. 40/79 fuq zewg punti hawn taht imsemmija :

1) dwar id-data minn meta l-impjegat Pullicino kellu jigi mhallas nofs paga mid-Ditta Jodic Limited; u

2) li Alfred Pullicino skond l-Award kellu jigi "impjegat" mhux biss imhallas.

Wara li sema' fis-seduta tas-27 t'April, 1979 lill-partijiet u ha konjizzjoni tas-sottomissjonijiet taghhom kif ukoll ta' dak kollu li jinstab fl-award tad-Decizjoni li taghha qed tintalab interpretazzjoni.

Jiddeciedi li :

/2. .....

Hija l-prattika komuni li meta t-Tribunal jordna kumpens ta' paga shiha jew parti tal-paga ghax it-tkeccija tinstab li ma tkunx gusta, id-data minn mindu jibda l-hlas tal-paga, shiha jew parti skond il-kaz, tkun id-data tat-tkeccija, u f'kaz li le, jinghataw ir-ragunijiet fl-istess decizjoni. F'dan il-kaz ma jidhirx li kellu jkun hemm dubbju ghax ghalkemm id-data tidher, bi zball ta' min ittajpja, bhala l-21 t'Ottubru,1978, kienet evidenti li din kellha tkun l-21 ta' Settembru,1978, id-data li minnha l-appellant gie mkecci u dan, anki kieku ma kienx hekk evidenti, gie rettifikat bil-fomm u bil-miktub.lill-partijiet mis-Segretarju tat-Tribunal dak in-nhar stess tas-smiegh ta' l-award, i.e. it-23 ta' Marzu, 1979.

Fuq it-tieni punt ma jidhirx li l-award mhux car bizzejjed. Il-kelma 'impjegat' tfisser jidhol ghax-xoghol u l-award ma jippermettix ebda possibilta' ta' interpretazzjoni differenti u ghalhekk it-Tribunal ma ghandux hlief jigbed l-attenzjoni ghall-Artikolu 34 (1) ta' l-Att Nru. XXX/1976 dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali.

G.A. Craig
President

A. Bartolo Parnis
Segretarju

30 ta' Mejju, 1979

em